MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' 11 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 747/2002/1

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Simon Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm70.35), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut Simon Zammit lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 02825 in rigward ghall-servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn April u Settembru, 2001;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Dicembru, 2001, u bl-imghaxijiet sad-data tal-**

**pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Nikolai Muscat Farrugia ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebghin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm70.35), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Dicembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Dicembru, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**Gudikatur**